# L-Ewwel Qaddis Malti

# Dun Ġorġ Preca

*(Terzjarju Karmelitan)*



Dun Ġorġ Preca twieled nhar it-12 ta' Frar 1880, fil-Belt Valletta, fid-dell tas-Santwarju-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu. Fl-1888 il-familja Preca marret tgħix il-Ħamrun fejn it-tfajjel Ġorġ irċieva l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Ġie ordnat qassis nhar it-22 ta' Diċembru 1906. Ħass il-bżonn li jagħmel xi ħaġa minħabba l-injoranza reliġjuża li kien hemm dak iż-żmien u għalhekk waqqaf is-Soċjetà tal-MUSEUM nhar is-7 ta' Marzu 1907. Dun Ġorġ sab ħafna minn jgħir għalih, min jikkalunjah u min ifixklu, iżda hu qatt ma qata' qalbu. Fil-mumenti diffiċli ta' ħajtu u tas-Soċjetà tiegħu, hu dejjem kien jafda fil-ħarsien qawwi tal-Madonna, li tagħha kien devot kbir, speċjalment taħt it-titlu tal-Karmelu. Fil-fatt, apparti li hu stess kien Terzjarju Karmelitan, kien jesiġi li l-membri kollha tas-Soċjetà li waqqaf għandhom jinkitbu fil-Labtu tal-Karmnu.

Dun Ġorġ miet fl-età ta' 82 sena, fid-dar tiegħu f'Santa Venera, nhar is-26 ta' Lulju, 1962. L-eżempju u l-kelma li hu wassal tul ħajtu, kif ukoll il-grazzji li bdew jinqalgħu bl-interċessjoni tiegħu wara mewtu, wasslu biex jingħata bidu għall-proċess li bih Dun Ġorġ jiġi ddikjarat qaddis. Fil-fatt, nhar id-9 ta' Mejju 2001, Dun Ġorġ Preca ġie ddikjarat Beatu (flimkien ma' Suor Adeodata Pisani u Nazju Falzon) mill-Papa Ġwanni Pawlu II f'ċerimonja li saret fuq il-Fosos il-Furjana. Wara l-konferma tat-tieni miraklu Dun Ġorġ ġie formalment iddikjarat qaddis. Iċ-ċerimonja tal-kanonizzazzjoni tiegħu se ssir nhar it-3 ta' Ġunju, 2007 fil-belt tal-Vatikan mill-Papa Benedittu XVI.

## Talba ta' Dun Ġorġ lill-Madonna

O Verġni Mbierka, O Bieb tas-Sema,
O Omm tal-Ħniena, O Għaxqa ta' Alla,
itlob għalina għax aħna nafu li xejn ma jiċħadlek
Dak li għolliek għad-dinjità ta' Omm Divina. Amen.